MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 1129/2010

GO **p.l.c. – C 22334**

**vs**

**John Muscat ID 787249M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ hemm talba biex il-konvenut ihallas lil GO plc il-*quantum* ta' elfejn, erba' mija, sebgha u erbghin Ewro sitta u disghin centezmi (€2,447.96c) ghal servizz lilu moghti, bl-akkont nru 100110353 liema talba hi munita bid-Dok IZY 1 u 2.

**Ra** li fir-RISPOSTA hemm li l-konvent m'ghandu jati xejn.

II PROVI

1. **Dr. Ingrid Zammit Young,** ikkonfermat, ghas-socjeta' attrici, li dak imsemmi kien ghadu dovut. Imbaghad fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2011, Dr. Charmaine Cherret ghall-konvenut infurmat li kienu saru xi pagamenti (ara *fol* 16).

2. B'Rikors prezentat fit-8 ta' Frar 2013 is-socjeta' attrici ressqet NOTA kontestwalment li fiha qalet li l-provi taghha kienu maghluqa u ndikat li dak prezentat mat-TALBA kien ghadu dovut.

3. Sal-udjenza tal-25 ta' Settembru 2013 il-konvenut baqa ma ressaq ebda provi (ara *fol* 36) u l-kawza thalliet ghas-16 ta' Ottubru 2013 ghal sottomissjonijiet orali. Hawn ma deher hadd u l-kawza baqghet ghas-sentenza.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL josserva li f'din il-kawza il-konvenut kemm ressaq RISPOSTA li m'ghandu jati xejn u, minkejja l-ghadd ta' seduti li nzammu, qatt ma jidher li wera wiccu.

2. Bhala prova hemm biss id-dokumenti IZY 1 u 2 insostenn tat-TALBA u dawn gew konfermati bil-gurament minn Dr. I. Zammit Young. Din ix-xhieda tikkostitwixxi prova soddisfacenti dment li ma tkunx indebolita minn xi prova mressqa mill-konvenut – haga li ma saritx.

3. Ta' min josserva li fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2011 Dr. Cherret ghall-konvenut qalet li **dan kien infurmaha** li kien sar xi hlas, izda waqafna hemm u quddiem it-TRIBUNAL ma tressqet ebda prova. Fic-cirkostanzi, dak li talbiet is-socjeta' attrici ma jistax ma jistqiesx pruvat.

IV DECIZJONI

It-Tribunal **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjoni tal-konvenut (2) **jilqa** t-talba attrici (3) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-*quantum* ta' elfejn, erba' mija, sebgha u erbghin Ewro sitta u disghin centezmi (€2,447.96c) bl-imghax mis-17 ta' Dicembru 2010 sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------